PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

4.12.2013 B7-0550/2013

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-appell għal impenn vinkolanti u li jitkejjel kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fl-UE
(2013/2963(RSP))

**Derk Jan Eppink, Ivo Strejček**
f'isem il-Grupp ECR

**B7-0550/2013**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-appell għal impenn vinkolanti u li jitkejjel kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa fl-UE**
**(2013/2963(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012[1],

– wara li kkunsidra l-mistoqsija għal tweġiba orali lill-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar il-kompatibbiltà tal-ftehimiet tat-taxxa Brittaniċi u Ġermaniżi mal-Isvizzera, mad-Direttiva tal-UE dwar it-Tassazzjoni ta' Riżervi fuq id-Dħul[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2012 dwar l-appell għal modi konkreti biex jiġu miġġielda l-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali[3],

– wara li kkunsidra l-istudju ta' Ottubru 2012 mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bl-isem 'Hybrid Mismatch Arrangements: Tax Policy and Compliance Issues'(Arranġamenti Ibridi: Kwistjonijiet ta' Politika tat-Tassazzjoni u Konformità mat-Taxxa)[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju tal-Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa bl-isem 'Tax Transparency 2013: Report on Progress'(Trasparenza tat-Taxxa 2013: Rapport dwar il-Progress)[5],

– wara li kkunsidra l-aħħar proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, bħall-proposta tat-23 ta' Ottubru 2013 għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' denunzja standard tal-VAT (COM(2013)0721),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-eżitu tal-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa, li sar f'Jakarta, l-Indonesja fil-21 u t-22 ta' Novembru 2013[6],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar l-'EU taxation: Taking stock and looking ahead' (Tassazzjoni tal-UE: il-bilanċ u nħarsu 'l quddiem) magħmula fis-26 ta' Novembru 2013 mill-Kummissarju għat-Tassazzjoni, id-Dwana, l-Istatistika, l-Awditjar u l-Ġlieda Kontra l-Frodi, Algirdas Šemeta, lill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-liġi tal-UE tippermetti l-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri dwar ir-rati tat-

[1] http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/128520.pdf
[2] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=OQ&reference=O-2011-000229&language=MT
[3] ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 53.
[4] http://www.oecd.org/ctp/aggressive/HYBRIDS_ENG_Final_October2012.pdf
[5] http://www.oecd.org/tax/transparency/draft%20annual%20report%202013%20%20for%20GF_2.pdf
[6]http://www.oecd.org/tax/transparency/CTPA%20GFTEI%202013%2018%20Statement%20of%20Outcomes%20final.pdf
[6] http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-13-977_en.htm

taxxa u l-bażi tat-taxxa;

B. billi huwa fl-interess ta' kull Stat Membru li jiżgura ġbir effiċjenti ta' taxxa mill-persuni taxxabbli kollha, kemm ċittadini u kumpaniji, b'mod li kulħadd jikkontribwixxi s-sehem ġust tiegħu għall-baġit pubbliku;

C. billi l-istimi tal-Kummissjoni jindikaw li diversi forom ta' reati tat-taxxa, inklużi l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva jwasslu għal ammont sinifikanti ta' dħul mhux miġbur għall-gvernijiet tal-Istati Membri;

D. billi t-telf tad-dħul iżid il-livelli ta' defiċit u ta' dejn tal-Istati Membri u jnaqqas il-fondi disponibbli għall-promozzjoni tal-investiment, it-tkabbir u l-impjieg, li huma fatturi soċjoekonomiċi kruċjali għal strateġija sostenibbli tal-UE għall-ħruġ mill-kriżi;

E. billi meta l-obbligi ta' rappurtar ġew imkejla bħala parti mill-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea, il-piżijiet relatati mal-VAT kienu fuq quddiem nett, fejn EUR 69 biljun ġew ikklassifikati bħala piżijiet amministrattivi, filwaqt li d-denunzji tal-VAT ġew stmati għal EUR 19-il biljun;

F. billi l-persistenza u l-kobor ta' reati tat-taxxa jdgħajfu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istat tad-dritt u l-kunfidenza tagħhom fil-ġustizzja u l-leġittimità tal-ġbir tat-taxxa fl-UE;

G. billi jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri u koordinazzjoni xierqa fil-livell tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni biex ikun żgurat il-ġbir tat-taxxa dovuta u biex tkun evitata l-firxa ta' reati tat-taxxa bħall-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva f'kull Stat Membru;

H. billi l-Istati Membri li jinvolvu ruħhom f'negozjati bilaterali dwar kwistjonijiet ta' taxxa ma' pajjiżi mhux fl-UE għandhom jagħmlu dan biss fl-oqsma tat-tassazzjoni li huma fl-ambitu tal-kompetenza nazzjonali tagħhom u billi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar l-iskop u l-eżitu ta' tali negozjati sabiex ikun evitat kwalunkwe ksur tal-liġi tal-UE;

I. billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-fora internazzjonali rilevanti kollha bħall-G20, il-G8 u l-OECD sabiex ikomplu jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-infurzar ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet tat-taxxa fil-livell internazzjonali, u billi għandhom ukoll jipprovdu lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, speċjalment il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), b'għajnuna teknika kontinwa, u fejn meħtieġ b'appoġġ finanzjarju, biex jippermettulhom jipparteċipaw fil-ġlieda globali kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

1. Jilqa' l-isforzi u l-proposti leġiżlattivi kollha, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, bil-għan li jiġu implimentati sistemi ta' ġbir ta' taxxa aktar effettivi u effiċjenti fl-Istati Membri, inkluż billi jitneħħew eżenzjonijiet mhux ġustifikati, titwessa' l-bażi tat-taxxa, it-taxxi jiġu orjentati lil hinn mix-xogħol, jiġi evitat nuqqas ta' ntaxxar mhux intiż u jkunu miġġielda l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

2. Ifaħħar l-impenji tal-G8 u l-G20 favur mudell globali għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni sabiex tkun intensifikata l-ġlieda kontra kull tip ta'

reat ta' taxxa u tkun promossa l-governanza tajba fi kwistjonijiet ta' taxxa fil-livell globali;

3. Jappoġġa t-talba tal-Parlament għal żieda fit-trasparenza u għal kontroll aktar ristrett sabiex ikun evitat l-użu mill-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, u l-intermedjarji tagħhom, ta' ġurisdizzjonijiet barranin mhux kooperattivi, l-aktar magħrufa bħala rifuġji fiskali, li huma karatterizzati l-aktar b'taxxi żero jew nominali, nuqqas ta' skambju effettiv ta' informazzjoni ma' awtoritajiet tat-taxxa barranin u nuqqas ta' trasparenza fid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, legali jew amministrattivi, jew kif identifikati mill-OECD jew mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja;

4. Iqis li t-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u t-trasparenza tar-reġistri tal-kumpaniji u r-reġistri ta' sidien benefiċjarji u trusts huma prerekwiżit biex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u reati oħrajn tat-taxxa;

5. Japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni għal simplifikazzjoni u titjib tal-konformità tal-Istati Membri mat-taxxi permezz tal-introduzzjoni ta' denunzja standard tal-VAT fejn ġie stmat li din tnaqqas il-piżijiet amministrattivi sa EUR 15-il biljun fis-sena, u jistieden lill-Istati Membri jittrasponu d-direttiva relatata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mingħajr dewmien;

6. Huwa tal-fehma li l-eliminazzjoni addizzjonali ta' piżijiet amministrattivi fil-ġbir tal-VAT u sforzi proattivi biex jiġġieldu l-frodi tal-VAT transkonfinali huma meħtieġa sabiex jiżguraw dħul ta' taxxa sostenibbli għall-Istati Membri mis-sistema komuni tal-VAT tal-UE (22 % tat-total tat-taxxi għall-Istati Membri fl-2010), u biex jippreservaw l-integrità tas-suq uniku;

7. Jilqa' l-opportunità li jirrevedi d-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk Sussidjarji sabiex jevita pjanifikazzjoni fiskali aggressiva fl-UE;

8. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri, skont l-Artikolu 65 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u b'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, bil-għan li jipprevjenu l-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali, partikolarment fil-qasam tat-tassazzjoni; jemmen li dan huwa partikolarment importanti fil-każ ta' dawk l-Istati Membri fiż-żona euro li qed jesperjenzaw jew jinsabu mheddha minn diffikultajiet serji rigward l-istabbiltà finanzjarja tagħhom;

9. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu rieżami tal-ftehimiet bilaterali dwar il-kwistjonijiet ta' taxxa li huma attwalment fis-seħħ bejniethom, flimkien mal-ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi f'dan il-qasam, bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u biex ikun żgurat l-infurzar xieraq ta' sanzjonijiet għal kontravvenzjonijiet u reati tat-taxxa;

10. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jingħaqdu ma' pajjiżi sħab u istituzzjonijiet bil-għan li jaġġornaw b'mod regolari, jirfinaw u jinfurzaw id-definizzjoni tal-OECD ta' rifuġji fiskali sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u konformità globali ma' standard globali komuni;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-

progress li jkun sar fil-livell tal-UE u f'dak globali fil-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u tippubblika eżempji konkreti tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam fil-websajt tagħha;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-OECD.